**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 612/2014JB

Kawza Numru: 3

**Anthony D'Alfonso ezercjenti l-kummerc bl-isem ta' "D'Alfonso Smash Repairs"**

***vs***

**Atlas Insurance Limited u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2014, l-isem tas-socjeta konvenuta gie korrett ghal "Atlas Insurance PCC Limited"**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-29 ta' Awissu 2014 li permezz tieghu l-Attur, li jezercita s-sengha tat-tiswija tal-karozzi, talab li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u hamsa u sittin euro u disgha u erbghin centezmu (€1,065.49) ghal xoghol li ghamel fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ADR789. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Novembru 2014;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar it-18 ta' Novembru 2014 ipprezentat risposta li permezz taghha eccepiet dan li gej:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta esponenti mhix indikata tajjeb. L-isem korrett huwa "Atlas Insurance PCC Limited" (C5601) u ghalhekk l-Attur ghandu jirregola ruhu;

2. Illi fil-mertu t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda stante li l-eccipjenti mghandha thallas l-ebda ammont rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ADR789;

3. Illi x-xogholijiet li kien inkarigat jesegwixxi l-Attur ma sarux skond is-sengha u l-arti, bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u mhux a sodifazzjoni tal-eccipjenti fejn sahanitra gew irrekati danni lill-istess eccipjenti minhabba tali nuqqasijiet;

Ra li s-Socjeta Konvenuta kontestwalment mar-risposta taghha pproponiet ukoll kontro-talba fejn talbet li l-Attur jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmien mija u sebgha u sebghin

euro u sittax-il centezmu (€877.16) liema somma tirraprezenta d-danni kollha sofferti mis-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti b'rizultat ta' xogholijiet li gew esegwiti mill-Attur u li ma sarux skond is-sengha u l-arti. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba.

L-Attur rikonvenzjonat laqa' ghal din il-kontro-talba billi eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba tas-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni li allegatament sofriet is-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti;

2. Illi mhux minnu li s-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti inkorriet spejjez u danni b'rizultat tax-xoghol tal-eccipjenti;

3. Illi kull xoghol li sar mill-eccipjenti sar skond is-sengha u l-arti;

4. Illi s-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tipprova d-danni allegatament sofferti minnha.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014 fejn fuq talba tal-Attur, it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tas-Socjeta Konvenuta jigi jaqra' "Atlas Insurance PCC Limited".

In vista tal-verbal appena citat, it-Tribunal iqis li l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta giet sorvolata u ghalhekk se jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Ikkunsidra;

Illi t-talbiet li ghandu quddiemu t-Tribunal jirrigwardaw xogholijiet li saru mill-Attur fuq inkarigu tas-Socjeta Konvenuta. Is-Socjeta Konvenuta qed tghid li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u pprocediet b'mod rikonvenzjonali fejn qed titlob il-hlas ta' danni sofferti. Ghal din il-kontro-talba, l-Attur wiegeb li mhuwiex responsabbli ghad-danni, mhuwiex minnu li s-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti inkorriet spejjez u danni, li x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u li s-Socjeta Konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tipprova d-danni reklamati.

Illi meta xehed l-Attur (a fol 16) dan stqarr li ilu jaghmel ix-xoghol ta' *sprayer* u tillar ghal erbghin sena u pprezenta certifikat ta' registrazzjoni mahrug mill-MCCAA fejn gie certifikat li n-negozju tal-Attur huwa registrat skond *Standard* MSA 1400:2006. Jghid li ghamel xoghol fuq il-vettura ADR789 liema vettura ghandha madwar tnax-il sena u dan wara li hadhielu Robert Bugeja li hu assikurat mas-Socjeta Konvenuta. Jghid li din il-vettura giet spezzjonata mis-*surveyor* Peter Bonnici. Jghid li biex isiru t-tiswijiet kellhom jingiebu *parts* minn barra mid-ditta IEAP. Jghid li dawn il-*parts* gew suppliti fi tliet kunsinni u x-xoghol spicca f'Mejju 2013. Jghid li hekk kif spicca x-xoghol mar *test drive* ma' iben Bugeja li kien kuntent bix-xoghol u ffirma dokument f'dan is-sens (a fol 23). Jghid li wara Bugeja rega' mar ghandu minhabba xi bozza fil-waqt li gimgha u nofs wara Bugeja gharrfu li kienet waqghatlu r-rota. L-Attur stiednu jiehu l-vettura mill-gdid ghandu izda dan irrifjuta ghax ma kienx qed jafdah u qallu li kien se jirrikorri ghand haddiehor. Imbaghad l-Attur infurmah li jekk jaghmel hekk, il-garanzija fuq ix-xoghol tispicca. Rinfaccjat b'dan, l-Attur hareg il-kont lis-Socjeta Attrici li wara xi zmien infurmawh li ma kienux se jhallsuh. Jghid li fil-mori tax-xogholijiet, Bugeja kien ha r-rota tal-karozza ghat-tiswija ghand terzi.

Chantelle D'Alfonso, li tigi bint l-Attur, xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol 31) u stqarret li hi tahdem mal-Attur u spjegat x'inhi l-procedura li tigi segwita. Hi kkonfermat dak li

xehed l-Attur dwar il-*parts*. Hi kkonfermat li missierha utilizza l-*parts* kollha li gew suppliti. Tghid li Bugeja kien imur regolarment ghand l-Attur isegwi x-xoghol. Mill-bqija D'Alfonso kkonfermat dak li xehed missierha.

Meta xehed Robert Bugeja (a fol 42) dan stqarr li l-Attur kellu jiehu hsieb it-tiswija kollha hu. Jghid li x-xoghol dam mhux hazin u fl-ahhar, meta l-karozza kienet lesta, saret *test drive*. Jghid li ffirma dokument fuq talba tal-Attur. L-ghada li l-vettura giet konsenjata, ibnu nduna li l-*isteering wheel* kienet mghawwga u rrikorrew ghand l-Attur darbtejn ohra izda dan assigurahom li ma kienx hemm problemi. Il-problema baqghet taggrava sakemm fl-ahhar inqalghet ir-rota tal-karozza. Jghid li l-ispejjez kollha saru mis-socjeta assikuratrici. Jghid li l-*mechanic* li hadem wara li nqalghet ir-rota kien gharrfu li ntuzaw *parts second hand*.

Joe Cortis xehed (a fol 47) u spjega x'ghadda bejn il-partijiet involuti. Jghid li l-*parts* kellhom ikunu godda. Huwa esebixxa ghadd ta' dokumenti li jirreferu ghall-*parts* li gew konsenjati biex tkun tista' ssir it-tiswija.

Peter Bonnici xehed (a fol 61) li kien is-*surveyor* responsabbli mill-kaz. Jghid li wara li waqghet ir-rota tal-vettura, kien spezzjona l-vettura ghand it-tieni tellar u sab li certi *parts* li gew rimpjazzati mill-Attur ma kienux godda. Jghid li mar ikellem lill-Attur u dan cahad li uza *parts* uzati. Hu spjega li bejn iz-zewg spezzjonijiet li ghamel, il-vettura kienet instaqet biss ghal 356 km.

Mark Zammit xehed (a fol 71) u spjega xi skambji kellu rigward il-vettura mertu tal-kawza. Jghid li l-*parts* li gew suppliti lilu biex isewwi kienu godda.

Franklin Gauci (a fol 73) ipprezenta fattura fejn hemm indikat liema *parts* minnu suppliti lill-Attur kienu *second hand.*

Ikkunsidra;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, fil-kaz odjern gie ampjament ippruvat li fil-waqt li l-Attur kellu jsewwi l-vettura mertu tal-kawza, jidher li dan naqas milli jespleta l-appalt kif imiss. Tant li ftit tal-jiem wara li kkunsinna l-vettura, din spiccat biex inqalghetilha r-rota u fil-kors tat-tiswijiet irrizulta li kienu ntuzaw *parts* li ma kienux godda. Issa, mix-xhieda tas-*surveyor* u ta' Franklin Gauci li ssupplixxa l-*parts,* jidher bic-car li ghad li kien hemm xi *parts* li gew suppliti lill-Attur li ma kienux godda, dawn kienu limitati ghal fanal, *splash guard* u hwejjeg simili. Ix-xhieda ta' Gauci ma giet bl-ebda mod kontestata. Il-fatt li s-sewwieq ma tressaqx bhala xhud, xejn ma jnaqqas mill-valur probatorju tal-provi li t-Tribunal ghandu quddiemu, tenut kont li fi proceduri bhal dawk odjerni, ir-regoli tal-provi huma aktar miti minn dawk normalment segwiti quddiem il-qrati ordinarji.

Minn ezami tal-atti processwali, jidher li l-Attur kellu jwettaq diversi xogholijiet ohra fil-vettura *de quo*. Minhabba dak li gara meta waqghet ir-rota, kellu jintervjeni terz.

Da parti tiehu, l-Attur qieghed jaghmel enfasi fuq id-dokument fol 23 fejn jinghad li x-xogholijiet espletati mill-Attur kienu a sodisfazzjon tas-sid tal-vettura. Minn dak li xehed Robert Bugeja jidher li din l-iskrittura (li tidher li hi formola *standard*) giet prezentata wara li saret it-*test drive*. Bir-rispett kollu, wiehed ma jistax jippretendi li persuna li mhijiex tas-sengha tiffirma dokument u tezimi lill-appaltatur minn kwalsiasi responsabilita, aktar u aktar meta x-xogholijiet in kwistjoni ma jkunux jidhru. Huwa sinifikattiv ukoll li ghad li gie

ffirmat dan id-dokument, l-Attur ma qaghadx lura milli joffri li jispezzjona l-vettura wara li gie mgharraf bl-incident li segwa. Ghalhekk, dan it-Tribunal se jiskarta l-argument li d-dokument a fol 23 jezenta lill-Attur minn kwalsiasi responsabilita.

Ikkunsidra;

Issa dan it-Tribunal ghandu quddiemu talba u kontro-talba – talba tal-Attur li biha qed jintalab li jithallas ghal xogholu u kontro-talba li permezz taghha, is-Socjeta Konvenuta qed tittenta tirkupra dak li hallset lit-tieni mekkanik minghand l-Attur. Hu car ghat-Tribunal li l-Attur ma jisthoqqlux li jithallas tax-xoghol kollu li ghamel in kwantu gie ampjament ippruvat li dan naqas. Madankollu, hu wkoll car li kien hemm xi utilita f'parti mix-xoghol li wettaq. Ma jkunx gust jekk fil-waqt li jichad it-talba, it-Tribunal jilqa' l-kontro-talba ghaliex b'hekk l-Attur jispicca jissussidja lis-Socjeta Konvenuta. Gjaladarba jidher li parti mix-xoghol tal-Attur hu ta' utilita, tant li l-ammont minnu reklamat jammonta ghal €1,065.49, fil-waqt li x-xogholijiet rimedjali jammontaw ghal €877.16, it-Tribunal iqis li ghandha ssir tpaccija bejn iz-zewg ammonti reklamati sabiex b'hekk, is-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin euro u tlieta u tletin centezmu (€188.33) lill-Attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi fir-rigward tal-azzjoni principali fil-waqt li jasteni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta, jichad it-tieni eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta u jilqa' t-tielet eccezzjoni, konsegwentement jilqa' t-talba rikonvenzjonali prevja li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Attur rikonvenzjonat u gjaladarba ghandha ssir tpaccija bejn it-talba principali u dik rikonvenzjonali, jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta sabiex thallas lill-Attur is-somma ta' €188.33 bl-imghax mil-lum. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati fi kwota ta' tliet kwarti mill-Attur u r-rimanenti kwart mis-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*